MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 73/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 737249 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta’ Awwissu 2011, Settembru 2011 u Ottubru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt, naqas li jaghti lil martu Maria Rita Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-1 ta’ Frar, 2012, li biha wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta’ Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tilqa` dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej :
1. tikkonfermaha fil-parti tar-reita u
2. thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi bir-rispett kollu, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Fost affarijiet ohra l-esponent jixtieq jippuntwalizza bir-rispett illi :
2. a. Jidher li ma nghatax piz bizzejjed ghall-fatt li ghalkemm l-appellant jaf li jrid jadempixxi l-obbligu tieghu pero` l-introjtu tieghu jiddependi mill-fatt li huwa jiddependi li jhallsuh terzi u ghalhekk jekk ma jithallasx, huwa ma jistax ihallas u jonera l-obbligi tieghu kif huwa jrid u jixtieq li jaghmel;
3. illi fis-seduta l-appellant hallas akkont ta’ tlett mitt Ewro u cioe` dak li setgha ihallas u ghad fadallu bilanc xi jhallas;
4. illi kien hemm l-ammissjoni bikrija tal-appellant li ma kienx assistit.

Rat ili dan l-appell huwa dwar il-piena.

Seduta stante s-sinjura Maria Rita Mifsud infurmat lill-Qorti li issa hija thallset ghat-tliet xhur indikati fic-citazzjoni jigifieri Awwissu, Settembru, Ottubru 2011.

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa` l-appell u ser ikun hemm temperament fil-piena.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza moghtija fl-1 ta’ Frar, 2012 billi tikkonfermaha fejn sabet l-appellant hati u qed tirrevokaha u tbiddilha fejn ikunndannat lill-appellant ghal xahar prigunerija u minflok qed tikkundannah ihallas ammenda t’ €58.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------